# Lectio Divina

## Tlugħ il-Mulej fis-Sema

## Sena Ċ

### Lq 24:46-53

**F’dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:**

F’*Lq* il-qawmien u t-tlugħ fis-sema jitqiegħdu f’jum wieħed hekk li tidher aktar l-għaqda ta’ bejniethom. Fuq kollox, dawn huma l-qofol tal-istorja tas-salvazzjoni għax huma t-*tmiem* (twettiq) tal-missjoni ta’ Kristu fuq din l-art. Huma l-konklużjoni ta’ dak il-*jum* li beda bil-ħolqien ta’ Adam li tbiegħed minn Alla u li permezz tas-Salib u l-Qawmien, issa – Adam il-ġdid – jerġa’ lura għand Alla. Dan l-*għeluq* hu fl-istess ħin il-*bidu* tal-«illum» tas-salvazzjoni għall-bnedmin kollha, ulied Adam, li f’Adam il-ġdid jimxu lejn id-dar tal-Missier fejn diġà wasal ir-Ras tagħhom li huwa Kristu (cfr *Rum* 5:12-21; *Efes* 1:22-23; *Lq* 19:9-10).

**«Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet,**

Il-komunità ta’ *Lq* li tistaqsi x’sar minnu l-Mulej Ġesù, hi mgħejjuna tagħraf il-preżenza tiegħu fid-dawl tal-Iskrittura: “Il-Mulej ma ħassx li kien biżżejjed li jħalli lill-Appostli jmissuh; ried jirreferi għall-Iskrittura biex iwettaq lill-qalbhom fil-fidi [...] Fuqhiex ser tibbaża ruħha l-fidi tagħna, jekk mhux fuq dik l-Iskrittura li permezz tagħha l-Mulej ried iwettaq il-fidi ta’ dawk li setgħu jmissuh?” (*Santu Wistin*). Kif għamel qabel maż-żewġ dixxipli ta’ Għemmaws, hekk lill-bqija tad-dixxipli «fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura» (*Lq* 24:45). Huwa biss fid-dawl tal-mewt u l-qawmien ta’ Ġesù li d-dixxiplu jista’ jifhem is-sens tal-Kotba Mqaddsa – mingħajr ir-riferiment għall-Għid l-istudju tal-Iskrittura jwassal għal mexxejja għomja li jgħallmu l-falzità: «Imma int, jekk tissejjaħ Lhudi u moħħok mistrieħ bil-Liġi u tiftaħar b’Alla;

int li taf ir-rieda ta' Alla u l-Liġi għallmitek tagħraf tagħżel l-aħjar; int li int persważ li taf tmexxi lill-għomja, li int id-dawl fid-dlam; li int mgħallem tal-boloh; mgħallem taż-żgħar; li għandek l-għerf u l-verità fil-Liġi; int li tgħallem lil ħaddieħor, ma tgħallimx lilek innifsek?» (*Rum* 2:17-21). It-tlugħ tal-Mulej fis-sema jindika t-tmiem tal-mixja tiegħu ta' *nżul* (inkarnazzjoni – passjoni – mewt) u *tlugħ* (qawmien – axxensjoni) li fiha jiġbed lill-bnedmin kollha għall-għaqda mal-Missier: «Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt li la jitħassar, la jittabba', u lanqas jinxef.» (*1Pt* 1:3; cfr *Atti* 4:12; 17:3).

**u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.**

L-indiema li tqanqal għall-konverżjoni u għall-maħfra tad-dnubiet jiġu ppreżentati bħala *doni* frott ir-rebħa tal-Mulej Irxoxt li ġie jsejjaħ «lill-midinbin għall-indiema» (*Lq* 5:32; cfr *Ġw* 20:22-23). Dan huwa l-qofol tal-aħbar li għandha tixxandar lill-ġnus kollha: li "Alla hu mħabba", li "Kristu jsalvak" u li "Hu jgħix" (cfr *Christus vivit* kap. IV; cfr *1Kor* 15:3-5). Il-qawmien mill-imwiet mhux biss jagħti l-kontenut tal-Aħbar it-Tajba, imma huwa l-istess Aħbar: "Ikkontempla lil Ġesù hieni, irid jaqbeż bil-ferħ. Ifraħ mal-Ħabib tiegħek li ttrijonfa. Qatlu lill-qaddis, il-ġust, l-innoċenti, imma hu rebaħ. Il-ħażen m'għandux l-aħħar kelma. Lanqas f'ħajtek il-ħażen mhu ħa jkollu l-aħħar kelma, għax il-Ħabib tiegħek li jħobbok irid jittrijonfa fik. Il-Feddej tiegħek ħaj" (*Christus vivit* 126).

**Intom xhud ta' dan.**

Id-dixxipli huma msejħa biex ħajjithom kollha tikkonferma li Kristu qam mill-mewt (cfr *Atti* 2:32.40; 3:15; 4:33). Il-Mulej jafda f'idejn dawk li huma tiegħu l-missjoni li jwasslu l-bxara tas-salvazzjoni lill-bnedmin (cfr *Mt* 28:19; *Mk* 16:15; *Atti* 1:8; *1Ġw* 1:2-3). Id-dixxipli għandhom iħaddnu din ir-responsabilità: «Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-Dehra tiegħu u s-Saltna tiegħu: xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim [...] oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa, stabar fit-tiġrib, agħmel ħidma ta'

evanġelista, aqdi sewwa l-ministeru tiegħek» (*2Tim* 4:1-2.5). Id-dixxiplu-xhud għandu jgħasses fuqu nnifsu minn "preokkupazzjoni esaġerata għall-ispazji tal-awtonomija u l-mistrieħ" tiegħu u jitbiegħed minn dak "l-*individwaliżmu*, *kriżi ta' identità* u *bruda fil-ħeġġa*" li jifgaw is-sejħa missjunarja li afdalu l-Mulej (cfr *Evangelii gaudium* 8).

**U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu».**

«Dak li wiegħed Missieri» u «il-qawwa tiegħu» li biha jiġu mlibbsa d-dixxipli huwa l-Ispirtu s-Santu, id-don ta' Kristu Rxoxt (cfr *Ġw* 20:22; *Atti* 1:8). Huwa l-Ispirtu mwiegħed biex jimla bil-ħajja u l-qawwa lil dak li kien mejjet, maħkum mill-mewt: «u jiena nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja» (*Eżek* 37:14; cfr *Is* 44:3; *Ġer* 31:31-34; *Ġoel* 2:28-32). Fl-istennija tiegħu, id-dixxipli għandhom *jibqgħu* flimkien f'esperjenza ta' komunjoni bejniethom u ma' Alla: «U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù, u ma' ħutu» (*Atti* 1:14). Id-dixxiplu għandu dejjem jibqa' magħqud ma' ħutu (mal-Knisja) jittallab l-imwiegħed li jlibbsu bil-qawwa: "L-Ispirtu s-Santu jimla l-qalb ta' Kristu Rxoxt u minn hemm jissawwab bħal għajn fil-ħajja tiegħek. U meta inti tilqgħu, l-Ispirtu s-Santu jdaħħlek dejjem iżjed fil-qalb ta' Kristu, biex int tkun dejjem mimli bi mħabbtu, bid-dawl tiegħu u bil-qawwa tiegħu. Itlob ta' kuljum lill-Ispirtu s-Santu biex iġedded il-ħin kollu fik l-esperjenza tal-aħbar il-kbira" (*Christus vivit* 130-131).

**Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u rafa' jdejh u berikhom.**

Ġesù jieħu lid-dixxipli tiegħu fil-post tal-ħbiberija u tal-intimità, fejn tinxtamm il-fwieħa tal-imħabba mogħtiha; huwa wkoll il-post fejn jieqaf qabel jidħol Ġerusalemm għall-passjoni tiegħu u anke l-post fejn iwettaq is-sinjal tal-qawmien ta' Lazzru li ser jiswielu ħajtu (cfr *Lq* 19:29; *Ġw* 11:1-2; *Ġw* 12:1-8). L-aħħar immaġni li għandna ta' Kristu hija dik b'*idejh merfugħa* li *jbierku* – huma l-idejn li għaddew jagħmlu l-ġid u jimlew bil-barka lill-bnedmin; huma l-idejn rebbieħa li ma ħallewx l-idejn tax-Xitan ikomplu jaħkmu fuq ulied Adam; huma l-idejn immarkati bis-sinjal tas-Salib (cfr *Lq* 4:40; 13:13; 22:31; 24:40).

**U ġara li, huwa u jberikhom, infired minnhom u kien meħud fis-sema.**

Ġesù «infired» mhux fis-sens ta' abbandun imma f'li *ħa dik id-distanza* li twassal lid-dixxipli biex jgħixu l-ħajja ġdida fiH. Bħalma omm trid *tħalli l-wisa'* biex uliedha jikbru, hekk kien jaqbel għad-dixxipli li Ġesù jmur sabiex jibagħtilhom id-Difensur (cfr *Ġw* 16:7). Il-fatt li Ġesù, ir-Ras tal-Ġisem, jidħol «fis-sema», joħloq dik il-ġibda tad-dixxipli – il-Ġisem – lejn il-post fejn jinsab l-Imgħallem tagħhom. Huma li fi Kristu *diġà* jinsabu fil-leminija tal-Missier, jimxu minn din l-art lejn is-sema li hija "mċarrta" mhux biss sabiex Alla jinżel fuq l-art imma sabiex il-bniedem jidħol għand Alla: «Hu għalhekk li tgħid l-Iskrittura: "Tela' fil-għoli, jassar l-ilsiera, ta doni lill-bnedmin."» (*Efes* 4:8; cfr *Lq* 3:21; 23:45; *Lhud* 9:16-20); «Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art. Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla. Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, mbagħad intom ukoll tidhru flimkien miegħu fil-glorja» (*Kol* 3:1-4).

**Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla.**

Il-ferħ tad-dixxipli, imsieħeb mat-tifħir lil Alla, jixbah lil dak tar-rgħajja quddiem it-twelid tal-Messija (cfr *Lq* 2:20). Huwa l-ferħ ta' min iħalli lil Mulej Ġesù jagħnih b'din il-preżenza ġdida u ħielsa tiegħu, li jerġa' lura fl-imkejjen tal-passjoni, mewt u qawmien tal-Mulej – minflok jitbiegħed frott id-dubji tal-aspettattivi tiegħu – u mimli b'din il-ħajja jgħix tassew hekk li l-eżistenza tiegħu ssir waħda li tbierek lil Alla: «Kull ma jieħu n-nifs ħa jfaħħar lil Mulej!» (*S* 150:6).

**Għar-riflessjoni**

Ħa mmorru mingħajr biża' għand Ġesù, il-feddej tagħna; imorru bi spirtu kuraġġuż lejn il-qtajja' tal-qaddisin, lejn il-miġemgħa tal-ġusti. Iva, ser immorru għand missirijietna, ser immorru għand l-imgħallmin tal-fidi tagħna; u anke jekk l-għemejjel tagħna mhumiex perfetti, tiġi tgħinna l-fidi... sejrin hemm fejn il-Mulej Ġesù ħejja l-postijiet lill-qaddejja tiegħu, sabiex fejn jinsab hu, inkunu aħna wkoll. Hekk ried. Isma' dak li jgħid: «Fid-dar ta' Missieri

hemm ħafna postijiet”. U x’inhi r-rieda tiegħu? «Nerġa’ niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll» (*Ġw* 14:2.3). Forsi taħseb li kien qed jgħid biss għad-dixxipli li kellu quddiemu, taħseb li lilhom biss kien qed iwiegħed post. Imma jekk inhu hekk, kif iseħħ dak li qal dwar li għad jiġu l-ġnus minn kullimkien u joqogħod għall-medja fis-Saltna ta’ Alla? Nistgħu niddubitaw mit-twettiq tar-rieda divina tiegħu? Minbarra dan, hu wriena t-triq u l-post billi qal: «U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha» (*Ġw* 14:4). Il-post hu ħdejn il-Missier, it-triq hija Kristu, kif qalilna hu stess: «Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi» (*Ġw* 14:6). Ejja nidħlu f’din it-triq, inħarsu l-verità, nimxu wara l-ħajja. Hi triq li twassalna, verità li tfarraġna, ħajja li tingħata. Sabiex imbagħad inkunu nafu r-rieda vera tiegħu, iżid jgħid: «Missier, irrid li dawk li tajtni jkunu huma wkoll miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħi» (*Ġw* 17:24). Aħna ħa nimxu warajk, Mulej Ġesù; imma int sejħilna sabiex nimxu tassew warajk, għax mingħajrek ħadd ma jista jitla’ ’l fuq. Infatti int it-triq, il-verità, il-ħajja... Bħala triq ilqa’ lil dawk li huma tiegħek, bħala verità wettaqhom, bħala ħajja għajjixhom.

AMBROĠ, *De Bono Mortis.*